REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1263

tal-20 ta' Settembru 2018

li jistabbilixxi l-formoli għat-tressiq ta' informazzjoni minn fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti skont ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/644 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' April 2018 dwar servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 4(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/644 jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi biex jitrawmu servizzi aħjar tal-konsenja tal-pakketti transkonfini, minbarra dawk stabbiliti fid-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Dawk id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw, b'mod partikulari, is-sorveljanza regolatorja marbuta mas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti, kif ukoll it-trasparenza tat-tariffi għal ċerti servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini.

(2) Ir-Regolament (UE) 2018/644 jirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti jressqu informazzjoni dwarhom infushom lill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru li fih huma stabbiliti, permezz ta' formola stabbilita mill-Kummissjoni.

(3) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/644 jirrikedji li l-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti jressqu informazzjoni darba biss, u li jinfurmaw lill-awtorità regolatorja nazzjonali b'kull bidla f'dik l-informazzjoni fi żmien 30 jum. L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/644 jirrikjedi li l-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti jressqu informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom kull sena. Jixraq għalhekk li jiġu stabbiliti żewġ formoli għat-tressiq ta' dik l-informazzjoni.

(4) Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju tal-pakketti, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti, meta jipprovdu informazzjoni dwar in-numru u l-fatturat tal-pakketti ttrattati tul l-aħħar sena kalendarja, jindikaw jekk is-servizzi tal-konsenja tal-pakketti humiex ikkuntrattati mal-mittent jew inkella ikunux qegħdin jitwettqu f'isem fornitur oħra tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti. L-informazzjoni mressqa għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar jekk il-pakketti humiex qegħdin jintbagħtu lejn jew jaslu minn destinazzjonijiet ġewwa l-Unjoni jew barra minnha, billi dan ikollu impatt fuq il-passi fil-katina tal-konsenja postali li jieħu l-istess fornitur.

(5) Ġaladarba l-informazzjoni rikjesta għandha tiġi pproċessata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali tal-Istati Membri, u fid-dawl tal-għarfien espert ta' dawk l-awtoritajiet, il-formoli tfasslu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp Ewropew tar-Regolaturi tas-Servizzi Postali.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 21 tad-Direttiva 97/67/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-formoli għat-tressiq tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/644 huma stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 112, 2.5.2018, p. 19.

([2]) Id-Direttiva 97/67/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar regoli komuni għall-iżvilupp tas-suq intern tas-servizzi postali tal-Komunità u t-titjib fil-kwalità tas-servizz (ĠU L 15, 21.1.1998, p. 14).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Settembru 2018.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Formola għat-tressiq tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/644 [1]	
Tabella 1. Informazzjoni dwar il-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti.	
Isem	
Status u forma legali	
Numru ta' reġistrazzjoni f'reġistru kummerċjali jew simili	
Numru ta' identifikazzjoni tal-VAT	
Indirizz tal-istabbiliment	
Jekk applikabbli, isem il-grupp jew in-netwerk ta' konċessjonijiet ta' fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti li għandu s-sjieda tal-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti.	
Data tat-tressiq	
Tabella 2. Dettalji ta' kuntatt ta' persuna ta' kuntatt.	
Isem u kunjom	
Kariga	
Indirizz elettroniku	
Numru tat-telefon	

Tabella 3. Karatteristiċi tas-servizzi offruti tal-konsenja tal-pakketti [2].

Passi fil-katina tal-konsenja postali

Ġbir	**Issortjar**	**Trasport**	**Tqassim**	**Fl-ambitu tal-OSU** [3]	**Barra l-ambitu tal-OSU**	**Noti/kummenti**

Tabella 4. Deskrizzjoni ddettaljata tas-servizzi offruti tal-konsenja tal-pakketti [4].

Tabella 5. Termini u kundizzjonijiet ġenerali għas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti [5]**.**

Link(s):

(1) Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2018/644, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jimponu rekwiżiti tal-informazzjoni addizzjonali flimkien ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 4(1) tal-istess Regolament. Ir-rekwiżit li titressaq l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/644 huwa soġġett għall-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

(2) Ittikkja l-kaxex li jikkorrispondu għas-servizzi offruti. Tittikkjax il-kaxxa jekk is-servizz huwa offrut minn sottokuntrattur.

(3) Obbligu tas-servizz universali.

(4) Agħti din l-informazzjoni fejn possibbli, u indika jekk huwiex offrut valur miżjud.

(5) Ehmeż kopja tad-dokumenti rilevanti f'Anness ma' din il-formola. Agħti wkoll dettalji ta' proċeduri ta' lmenti għall-utenti, kif ukoll kwalunkwe limitazzjoni potenzjali tar-responsabbiltà. Jekk id-dokumenti rilevanti huma disponibbli fuq l-Internet, agħti l-link(s).

ANNESS II

Formola għat-tressiq tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/644 [1]	
Isem il-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti	
Numru ta' reġistrazzjoni f'reġistru kummerċjali jew simili	
Data tat-tressiq [2]	
Isem il-persuna ta' kuntatt	
Is-sena li għaliha qed titressaq l-informazzjoni	

Tabella 1. Numru [3] **ta' pakketti ttrattati tul is-sena kalendarja preċedenti u fatturat annwali f'servizzi tal-konsenja tal-pakketti għas-sena kalendarja** [4] **preċedenti fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti** [5]**.**				
Tabella 1.1. Servizzi domestiċi tal-konsenja tal-pakketti				
	Unità	**Ikkuntrattat(i) mal-mittent**	**Ittrattat(i) f'isem fornitur ieħor**	**Kummenti**
Numru ta' pakketti [6]				
Fatturat fis-servizzi tal-konsenja tal-pakketti [7]				
Tabella 1.2. Servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini deħlin (mill-Unjoni/miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew minn barra)				
	Unità	**Ikkuntrattat(i) mal-mittent**	**Ittrattat(i) f'isem fornitur ieħor**	**Kummenti**
Numru totali ta' pakketti deħlin [1]				
Li minnhom in-numru ta' pakketti deħlin minn ĠEWWA l-Unjoni/iż-ŻEE [1]				
Li minnhom in-numru ta' pakketti deħlin minn BARRA l-Unjoni/iż-ŻEE [1]				
Fatturat fis-servizzi tal-konsenja tal-pakketti deħlin [2]				
Li minnu l-fatturat tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti deħlin minn ĠEWWA l-Unjoni/iż-ŻEE [2]				
Li minnu l-fatturat tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti deħlin minn BARRA l-Unjoni/iż-ŻEE [2]				
Tabella 1.3. Servizzi tal-konsenja tal-pakketti transkonfini ħerġin (lejn l-Unjoni/iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) jew 'il barra)				
	Unità	**Ikkuntrattat(i) mal-mittent**	**Ittrattat(i) f'isem fornitur ieħor**	**Kummenti**
Għadd ta' pakketti [1]				
Li minnhom in-numru ta' pakketti ħerġin lejn ĠEWWA l-Unjoni/iż-ŻEE [1]				

Ii minnhom in-numru ta' pakketti ħerġin 'IL BARRA mill-Unjoni/miż-ŻEE ([1])				
Fatturat totali mis-servizzi tal-konsenja tal-pakketti ħerġin ([2])				
Ii minnu l-fatturat tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti ħerġin lejn ĠEWWA l-Unjoni/iż-ŻEE ([2])				
Ii minnu l-fatturat tas-servizz tal-konsenja tal-pakketti ħerġin 'IL BARRA mill-Unjoni/miż-ŻEE ([2])				

Tabella 2. Numru ta' persuni li jaħdmu mal-fornitur tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti matul is-sena kalendarja preċedenti, involuti fil-forniment ta' servizzi tal-konsenja tal-pakketti fl-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur.

	30.6.20XX	**31.12.20XX**	**Kummenti**
Full-time			
Part-time			
Impjegati temporanji			
Jaħdmu għal rashom			
TOTAL			

Tabella 3. Informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti pprovduti minn sottokuntratturi tal-forniturs tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti ([8])

	Isem is-sottokuntrattur	**Ġbir**	**Issortjar**	**Trasport**	**Tqassim**	**Kummenti**
Numru totali ta' sottokuntratturi ([9])						
Sottokuntrattur 1 ([10])						
Sottokuntrattur 2 ([5])						
Sottokuntrattur 3 ([5])						
Sottokuntrattur 4 ([5])						
Sottokuntrattur 5 ([5])						

Tabella 4. Isem is-sottokuntratturi tal-fornituri tas-servizzi tal-konsenja tal-pakketti ([11])		
Numerazzjoni tas-sottokuntratturi	**Isem is-sottokuntrattur**	**Kummenti**
(…) ([12])	**(…)**	
Tabella 5. Kwalunkwe lista ta' prezzijiet aċċessibbli għall-pubbliku applikabbli fl-1 ta' Jannar ta' kull sena kalendarja għal servizzi tal-konsenja tal-pakketti ([13])**.**		
Lista mehmuża bħala Anness .... …. **Link(s):**		

([1]) Skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2018/644, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jimponu rekwiżiti tal-informazzjoni addizzjonali flimkien ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 4(3) ta' dak ir-Regolament. Ir-rekwiżit li titressaq l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2018/644 huwa soġġett għall-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament.

([2]) Skont l-Artikolu 4(3), il-formola għandha titressaq sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena kalendarja.

([3]) Inkludi l-elementi ġġenerati minn attivitajiet marbutin kemm mal-pakketti standard u kemm mat-trasport tal-merkanzija ttrattati fil-fluss tal-posta tal-ittri.

([4]) Fejn l-informazzjoni mogħtija tkun ibbażata fuq stima, iddeskrivi l-bażi ta' dik l-istima.

([5]) Agħti informazzjoni dwar is-servizzi effettivi tal-konsenja tal-pakketti pprovduti minn stabbiliment fi Stat Membru mis-sena kalendarja preċedenti (imsemmija iktar 'il fuq bħala s-"sena li għaliha qed titressaq l-informazzjoni").

([6]) Indika f'eluf ('000).

([7]) Indika f'eluf tal-munita nazzjonali, għajr il-VAT.

([8]) Agħti stima tan-numru ta' sottokuntratturi li jipprovdu kwalunkwe mis-servizzi fil-katina tal-konsenja postali.

([9]) Agħti n-numru ta' sottokuntratturi involuti f'kull pass rilevanti (l-ammont jista' jaqbeż in-numru totali ta' sottokuntratturi, billi wħud mis-sottokuntratturi jistgħu jipprovdu servizzi f'diversi stadji).

([10]) Agħti l-ismijiet tal-ikbar ħames sottokuntratturi, u indika liema passi tal-katina tal-konsenja jipprovdu.

([11]) Agħti informazzjoni dwar is-sottokuntratturi tul is-sena kalendarja preċedenti.

([12]) Agħti informazzjoni direttament fit-tabella, jew inkella ehmeż dokument ma' din il-formola li jelenka s-sottokuntratturi.

([13]) Ehmeż il-lista ma' din il-formola, u jekk il-lista hija disponibbli fuq l-Internet, agħti l-link(s).